disinn hilaryspiteri.com

# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 43 - **ĠUNJU 2017**

# werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 8 |
| L-Intervista: Adrian Grima | 9 |
| Ktieb mill-qrib - *Ħsiebu Jsuqu* | 11 |
| Ir-rakkont - Carmen Refalo | 13 |
| Il-Festi Magħna - Kav. Joe M Attard | 14 |
| Apprezzament u Kritika - Victor Vella | 17 |
| Il-Poeżiji | 19 |
| Il-Poeżiji - Lil Hinn Minn Xtutna | 22 |
| Minn fuq l-Ixkaffa | 24 |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Waqt lejla ta' tnedija ta' għadd ta' rumanzi miktubin minn kittieba mdaħħla sewwa fiż-żmien ġewni numru ta' ħsibijiet li, nammetti, jgħaddu minn moħħi spiss rigward l-istat tal-qasam tal-letteratura lokali. Fost dawn ħsieb ewlieni: il-letteratura Maltija mhix biss nofs tuzzana kittieba kontemporanji u xejn iktar. Il-letteratura Maltija hija ħafna iktar wiesgħa minn hekk, minkejja forzi minn direzzjonijiet u livelli differenti li qed jagħmlu minn kollox biex jeqirdu parti integrali mill-wirt letterarju ta' pajjiżna.

Spiss qed jiġi mistoqsi: x'iridu ż-żgħażagħ illum fejn tidħol il-letteratura? Storja li tagħti gost? Rakkont li jinvolvi lill-qarrej direttament? Kitba li teċċita sesswalment lil min jikkonsmaha? Storja magħmula minn djalogi jew lingwa miżgħudin bi kliem laxk, dak l-istess kliem li drajna nisimgħu fit-taħdit ta' kuljum f'ċerti kuntesti soċjali? Ta' min wieħed jiftakar li dan il-lingwaġġ laxk li semmejt mhux l-ilsien li qiegħed fuq fomm iż-żgħażagħ kollha, imma biss parti minnhom, u mhux biss fuq fomm iż-żgħażagħ.

Mistoqsija oħra: għandna nwarrbu dak li qed jinkiteb minn kittieba misjura fl-età u fis-sengħa tal-kitba, u nqisu bħala letteratura friska u valida dik miktuba biss minn ċirku limitat ta' kittieba relattivament żgħażagħ? Dan jintrabat mal-kruċjata preżenti li qed issir kontra t-ton pożittiv ta' ċerta letteratura li minħabba hekk qed tiġi mwarrba; tip ta' letteratura li xi drabi qed tiġi deskritta bħala *soap-opera*. Fuq l-istess naħa, forza favur letteratura li tagħti spinta lil tip ta' ħajja li tħaddan valuri negattivi: l-użu ta' kliem oxxen, firda fil-familja, konsum ta' droga, vjolenza, suwiċidju, dipressjoni, twarrib ta' kull twemmin, sess iktar milli mħabba, u l-bqija. Hu veru li ż-żgħażagħ illum, kollha kemm huma, iħobbu jaqraw din it-tip ta' letteratura? Wieħed jgħid, imma din mhix il-ħajja kif inhi llum? Le, il-ħajja llum mhix hekk biss, u għad hemm min irid jaqra dwar - u anki jgħix - valuri pożittivi.

Għalhekk minn hawn inħeġġeġ lill-ġenituri, lit-tfal u liż-żgħażagħ, biex meta jmorru fil-libreriji pubbliċi jew fil-ħwienet tal-kotba ma jfittxux biss is-soltu ismijiet li jiġu rreklamati spiss fuq il-mezzi tax-xandir bħall-gazzetti, ir-radju, l-internet u t-televiżjoni, imma jesperimentaw b'ismijiet ta' kittieba oħrajn li spiss jitqiegħdu fit-tieni filliera jew fuq wara tal-ixkaffi.

Meta l-kittieba ffesteġġjata waqt is-serata ta' tnedija ġiet mistoqsija tagħti xi pariri lill-kittieba aspiranti, hija enfasizzat il-fatt li għandu jitwarrab kull tip ta' plaġjariżmu. U dan lili jġagħalni nistaqsi kemm fil-fatt hemm oriġinalità f'numru ta' kitbiet ħerġin mill-pinna ta' kittieba kontemporanji? L-aktar meta wieħed ikun familjari mal-letteratura tal-Medju-Orjent, tal-Ewropa tal-Lvant, tal-Amerika Latina u dik Anglo-Amerikana.

Fuq nota oħra nieħu gost niltaqa' ma' persuni li minkejja li ma nkunx nafhom personalment jiġu fuqi u jifirħuli għax-xogħol li qed isir permezz ta' din il-pubblikazzjoni li ilha toħroġ mill-2012. L-aħħar persuna li għamlet dan kienet mill-Qatar. Iva, IL-PONT qed jasal mal-erbat irjieħ tad-dinja, verament! Ħajr mill-ġdid tas-sapport u l-għajnuna min-naħa ta' bosta qarrejja u kontributuri.

Nispiċċa billi nifraħ lil dawk id-djar tal-pubblikazzjoni li minkejja li regolarment jitpoġġew fil-ġenb minn istituzzjonijiet li suppost jgħinu inizzjattivi pożittivi favur il-letteratura Maltija, xorta jkomplu jinsistu fil-pubblikazzjoni ta' kotba u ta' kittieba - anki ġodda -, u jtellgħu serati mużiko-letterarji varjati u mill-isbaħ.

### IL-PROFESSURI JISFIDAW LIL ERDOGAN BILLI JAGĦTU LEZZJONIJIET FIT-TOROQ

Għall-bidu ta' April li għadda numru ta' għalliema u professuri taw lezzjonijiet fit-toroq u l-pjazez ta' Ankara wara li ġew imkeċċija minn xogħolhom bl-akkuża li esprimew ruħhom kontra s-Sultan. Il-lezzjonijiet ittrattaw temi bħalma huma l-poter u l-anti-poter, ir-reżistenza permezz tal-Istorja, u l-kriżi tat-tagħlim. Il-Prof. Yasin Durak tkellem dwar il-fatt li minkejja li l-poter xi drabi jaħseb sabiex jillimita l-potenzjalità tax-xjenza, dan diffiċli jseħħ ladarba tista' tiġi mgħallma anki fit-toroq. Għal dawn il-lezzjonijiet ma attendewx biss studenti imma waqaf anki jismagħhom kull min kien kurjuż biżżejjed biex jisma' u jitgħallem. Grupp ta' professuri universitarji ħadu magħhom *blackboard* żgħir f'Kugulu Park, f'Ankara, u fuqu kitbu Akkademja tat-Triq, flimkien mal-isem tal-professuri, it-titli, il-ħinijiet, u l-post tal-lezzjonijiet. Bħala slogan adottaw kliem Theodor Adorno: "Ix-xjenza għandha bżonn lil dawk li ma jobdux." B'kollox hemm mat-300 għalliem u professur li ilhom bla xogħol mill-15 ta' Lulju 2016. Fost l-istudenti hemm min qal li inizzjattiva bħal din tgħinhom ma jitilfux lezzjonijiet prezzjużi għall-istudju tagħhom. Huma lezzjonijiet ta' demokrazija u li jesprimu l-ġlieda tal-professuri favur il-libertà. Mehmet Mutlu, wieħed mill-fundaturi ta' din l-inizzjattiva, assistent riċerkatur fid-dipartiment tax-Xjenzi Politiċi sostna li "l-universitajiet huma istituzzjonijiet universali. Jekk il-produzzjoni tal-għarfien u tal-ideat tasal biex tiġi mhedda fi kwalunkwe post fid-dinja, dawk li jinsabu f'postijiet oħra għandhom jibdew jinkwetaw u b'hekk għandhom jirreaġixxu." Mutlu qal ukoll li huma jixtiequ li l-professuri barra mit-Turkija jkunu konxji tal-oppressjoni li tagħha huma vittmi u b'hekk jaġixxu anki huma biex juru solidarjetà.

### TAĦDITA TA' ĠORĠ PERESSO DWAR *IL-VRAJS TAL-MADALENA*

Nhar l-4 ta' April 2017, Ġorġ Peresso għamel taħdita pubblika dwar *Il-Vrajs tal-Madalena* bħala parti mis-sensiela dwar It-Tradizzjoni Orali organizzata mid-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. It-taħdita, b'xejn u miftuħa għal kulħadd, saret fuq il-kampus tal-Università f'Tal-Qroqq. *Il-Vrajs tal-Madalena* hu wieħed antik u jinsab mifrux, b'varjazzjonijiet lokali, f'pajjiżi differenti tal-Ewropa, mill-Iżvezja sa Malta. Meta u kif daħal Malta ma nafux, imma żgur li hu antik u forsi daħal fostna mill-Provenza fi Franza minn xi predikaturi għal żmien ir-Randan, għax il-vrajs hu rakkont li għandu jqanqal indiema u penitenza u l-figura tal-Madalena minn dejjem kienet figura dominanti bħala simbolu ta' dawn is-sentimenti. Dan jidher fil-pittura u t-teatru, u fir-rabta, mhux għalkollox ġustifikata, mal-konverżjoni tal-prostituti. Il-vrajs Malti għandu b'kollox sitt strofi asimmetriċi, imma miktuba b'mekkaniżmi letterarji bħall-alliterazzjoni, ir-rima interna, l-onomatopeji, id-djalogu, u t-teatralità, li jagħmlu faċli li jaqbad mal-fantasija u aktar faċli li timmemorizzah. Kien l-istudjuż Ġużè Cassar Pullicino li fis-sittinijiet għamel riċerka u studju intensiv kemm Malta u kemm Għawdex, sakemm sensel dan il-vrajs. Għamel ukoll studju komparattiv ma' vrajjes oħra simili fuq il-Madalena. Bl-għodod limitati ta' studju li kellu f'idejh il-folklorista Malti, Cassar Pullicino wasal għall-konklużjoni li l-vrajs tagħna hu eqreb tal-vrajs qasir li jinsab f'Ravenna u li tagħna fih konklużjoni li hi tipikament Maltija. Dan mhux għalkollox minnu, iżda lanqas mhu mbiegħed wisq mill-verità. Ġorġ Peresso kompla fuq l-istudji li għamel Cassar Pullicino u b'kuntatti ma' folkloristi minn Ravenna sab aktar tagħrif dwar ix-xebh bejn il-vrajjes tal-Madalena f'Ravenna u Malta. L-istudju tiegħu huwa analiżi Formalista tal-istil tal-vrajs Malti.

### QARI TA' POEŻIJI WAQT IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS

Nhar is-6 ta' April 2017 fuq il-kampus tal-Università ta' Malta nqraw poeżiji kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż minn Marlene Saliba, Therese Pace, Dion P. Pizzuto u Linda Henry f'atmosfera rilassata. Jakkumpanjawhom kien hemm il-kantanta Dorothy Bezzina u Edward Mifsud fuq il-pjanu. Lejla bħal din ittellgħet bl-għajnuna tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u ta' Faraxa Publishing.

### WALID NABHAN JIRBAĦ IL-PREMJU TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL-LETTERATURA 2017

Tħabbar il-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura 2017. Dan huwa premju prestiġjuż li kull sena jingħata lil tnax-il kittieb jew kittieba mill-Ewropa b'rikonoxximent tal-produzzjoni letterarja tagħhom fl-aħħar ftit snin. Bħalma jiġri darba kull



Walid Nabhan

tliet snin din is-sena kien imiss lil Malta tagħżel wieħed mir-rebbieħa minn fost il-kittieba Maltin. L-għażla waqgħet fuq l-awtur Walid Nabhan, kittieb li twieled il-Ġordan f'familja ta' refuġjati Palestinjani u li ilu ħafna snin jgħix Malta, tant li kiseb iċ-ċittadinanza Maltija. Nabhan jikteb bil-Malti u ppubblika żewġ ġabriet ta' novelli, ktieb ta' poeżiji u r-rumanz *L-Eżodu taċ-Ċikonji* (ippubblikat minn Klabb Kotba Maltin fl-2013) li għalih ingħata dan il-premju. Walid Nabhan qaleb ukoll diversi xogħlijiet letterarji kontemporanji Maltin għall-Għarbi. *L-Eżodu taċ-Ċikonji* huwa rumanz dwar raġel Palestinjan imwieled f'kamp tar-refuġjati fil-Ġordan li sab ruħu jgħix Malta. In-narratur jinseġ ir-rakkont tiegħu madwar l-esperjenzi tiegħu ta' barrani f'Malta u ta' refuġjat f'komunità kbira ta' Palestinjani fil-Ġordan, imma jdaħħal ukoll l-istorja tal-familja tiegħu fil-perjodu meta kienet għadha tgħix fil-Palestina. Waqt li jikteb rumanz serju u impenjattiv, Nabhan iżewwaq in-narrattiva tiegħu b'mumenti liriċi mill-isbaħ u jirnexxilu jsib l-umoriżmu anki fis-sitwazzjonijiet l-aktar imwiegħra. F'Malta, dan il-premju huwa rrappreżentat mill-Akkademja tal-Malti li hija membru tal-Kunsill Ewropew tal-Kittieba (EWC). L-Akkademja taħtar ġurija indipendenti kull tliet snin sabiex tagħżel ir-rebbieħ minn Malta. Din is-sena l-ġurija kienet magħmula minn Prof. Stella Borg-Barthet, Dr Stephen Bonanno, ir-Rev. Norbert Ellul Vincenti, Dr Marco Galea (President) u Dr Adrian Grima. Il-konsorzju li jorganizza l-premju fuq livell Ewropew, minbarra l-EWC, huwa magħmul mill-Federazzjoni Ewropea u Internazzjonali tal-Bejjiegħa tal-Kotba (EIBF) u mill-Federazzjoni tal-Pubblikaturi Ewropej (FEP). Il-kittieba rebbieħa jingħataw premju ta' €5000 u jkollhom diversi opportunitajiet biex iressqu x-xogħol tagħhom quddiem qarrejja Ewropej. Il-premju huwa ffinanzjat mill-Programm Ewropa Kreattiva. Iż-żewġ rebbieħa preċedenti Maltin kienu Immanuel Mifsud (2011) u Pierre J. Mejlak (2014).

### IMUT GIORGIO BÀRBERI SQUAROTTI, KRITIKU LETTERARJU U POETA

Nhar id-9 ta' April 2017 miet il-professur universitarju, poeta u kritiku letterarju Giorgio Bárberi Squarotti. Huwa kellu 87 sena. Għallem fl-Università ta' Turin bejn l-1967 u l-1999, ippubblika għadd kbir ta' kotba dwar il-letteratura Taljana u l-protagonisti tagħha – fosthom Dante, Petrarca, Boccaccio, Marino, Ariosto, Tasso, D'Annunzio, Pavese, Montale u kontemporanji oħrajn -, u kien responsabbli tal-*Grande dizionario Utet*. Bárberi Squarotti twieled f'Turin fl-1929 u ħa l-lawrea fl-1952 b'teżi dwar ix-xogħol ta' Giordano Bruno. Fl-2003 huwa rebaħ il-premju speċjali tal-ġurija tal-Mulinello bil-ktieb *Addio alla poesia del cuore*. Kien kunsillier u fundatur tal-*Fondazione Marino Piazzolla*, u fl-1981, flimkien ma' Gian Luigi Beccaria, Marziano Guglielminetti u Giorgio Caproni, waqqaf il-*Biennale di Poesia di Alessandria*.



Giorgio Bàrberi Squarotti

**JITFAKKAR IT-30 ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' PRIMO LEVI**

Nhar il-11 ta' April 2017 ġie mfakkar it-30 anniversarju mill-mewt tal-kittieb Taljan Primo Levi. Permezz ta' xogħlijiet bħal *Se questo è un uomo*, *La tregua*, u *I sommersi e i salvati* u bosta oħrajn xehed quddiem id-dinja l-kruhat tal-kampijiet tal-konċentrament Nażisti fejn kien maqful u minn fejn ħareġ ħaj. Primo Levi twieled f'Turin fl-1919 u kien kittieb, partiġġjan, u kimiku. Kiteb rakkonti, tifkiriet, poeżiji u rumanzi. Bħala partiġġjan anti-faxxista kien arrestat fit-13 ta' Diċembru tal-1943 f'Valle d'Aosta fit-Tramuntana tal-Italja, u wara ntbagħat f'Auschwitz ladarba kien Lhudi. Bosta għadhom jistaqsu jekk il-mewt tiegħu kenitx inċident (instab mejjet f'qiegħ it-tromba ta' taraġ fejn kien jgħix f'Turin) jew suwiċidju.



Primo Levi

**L-ISTEJJER TA' FRA MUDEST JAGĦLQU 50 SENA**

Kien fil-ħarġa tal-magażin tat-tfal *Children's Own* numru 292 (10 t'April, 1967) li dehret l-ewwel storja dwar Fra Mudest miktuba minn Charles Casha, illum magħruf sew għall-kotba tiegħu mmirati għal kull età. Din l-istorja kienet suċċess kbir tant li l-edituri tal-magażin kellhom jistampaw aktar kopji biex jilħqu mad-domanda li bdiet dieħla wara li tqassam il-magażin fl-iskejjel. Casha ħoloq dan il-karattru wara talba mill-editur taċ-*Children's Own*, John Demanuele, wara li dan kien sab logo bil-kelmiet Fra Mudest, fuq l-iskrivanija ta' missieru, Joseph Demanuele. L-istejjer illum ilaħħqu l-mija u għaxra miġbura f'sitt kotba. L-ewwel ktieb kien ukoll l-ewwel pubblikazzjoni tal-Merlin Library: *Fra Mudest* (1971). Żgur li Fra Mudest se jibqa' parti mill-folklor letterarju modern l-aktar fejn tidħol il-letteratura għat-tfal. Fra Mudest mexa minn ġenerazzjoni għal oħra għalkemm l-ambjent li fih huma mibnija dawn l-istejjer inbidel u għat-tfal tal-lum huwa xi ħaġa li jistgħu jarawha biss fl-immaġinazzjoni tagħhom. F'kumment tiegħu dwar dawn l-istejjer, Dr. Ġorġ Mallia jgħid hekk: "Nemmen ukoll li ma' Fra Mudest qed nikkommemoraw it-twelid tal-letteratura moderna għat-tfal Maltin għax il-ħolqien tal-wieħed hu mżewweġ mal-bidu tal-oħra."




Waħda mill-pubblikazzjonijiet ta' *Fra Mudest*

## IL-PRESIDENT TA' MALTA TIPPRESJEDI LEJLA MUŻIKO-LETTERARJA F'ĠIEĦ L-EKS PRESIDENT ANTON BUTTIGIEG

F'April 2017 il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro, ippresjediet lejla mużiko-letterarja f'ġieħ l-eks President u poeta, Anton Buttigieg. Waqt din is-serata, il-kustodja tal-Librerija Anton Buttigieg, li hija parti mill-proġett estensiv ta' restawr fl-istess Palazz, għaddiet f'idejn l-Akkademja tal-Malti u l-'Malta Libraries', biex b'hekk, dawn iż-żewġ entitajiet ser ikunu qed jieħdu ħsieb din il-Librerija, li fiha hemm miġbura uħud mill-isbaħ xogħlijiet ta' awturi u poeti Maltin, u xogħlijiet stampati minn għadd ta' pubblikaturi Maltin. Meta indirizzat lil dawk preżenti, il-President Coleiro Preca qalet li dan huwa wieħed mill-isbaħ mumenti tal-Presidenza tagħha, "għax propju issa, ir-Residenza tal-Istat għandha librerija diċenti u eleganti, librerija li qed tilqa' x-xogħlijiet ta' kittieba u pubblikaturi Maltin, librerija li msemmija għall-poeta bravu, l-eks President Anton Buttigieg." Din is-serata tat bidu għal numru ta' attivitajiet li l-Uffiċċju tal-President, u l-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà, organizzaw fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Ktieb, kif stabbilit mill-UNESCO. L-attivitajiet laħqu l-qofol tagħhom it-Tnejn, 24 ta' April, hekk kif mijiet ta' tfal minn diversi skejjel żaru l-Palazz ta' Sant'Anton fejn kellhom l-opportunità li jaraw il-Librerija Anton Buttigieg, kif ukoll il-'Little Stars Library', u ngħataw informazzjoni wkoll fuq Librerija Balzmet ir-Ruħ, li tinsab fl-uffiċċju li l-Malta Community Chest Fund Foundation għandha fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo. Il-President raddet ħajr lill-Akkademja tal-Malti u lill-'Malta Libraries', li bħala kustodji tal-Librerija Anton Buttigieg diġà qed jagħmlu ħafna xogħol siewi, u rringrazzjat ukoll lid-diversi għaqdiet u organizzazzjonijiet li qed jaħdmu biex iżommu l-lingwa Maltija ħajja, dan għax "il-Lingwa Maltija hija xhieda unika tal-identità tagħna." Raddet ħajr ukoll lis-Sinjura Matilde Cordina, li kkordinat dan il-proġett. Waqt din is-serata pparteċipaw is-Surmast Dominic Galea, il-kantanta Doreen Galea, kif ukoll qraba tal-eks President Anton Buttigieg. Wara ċ-ċerimonja tal-iffirmar, il-President ġiet ipprezentata b'għadd ta' kotba tal-istess Anton Buttigieg, kif ukoll, b'selezzjoni ta' kotba minn 'Kite Group'.

## SERATA MUŻIKO–LETTERARJA FIL-LIBRERIJA T'GĦAWDEX

Nhar l-10 ta' Marzu 2017 fuq xewqa tal-Librar is-Sur Ġorġ Cassar, reġgħu ltaqgħu l-Kittieba Għawdxin f'Serata Mużiko-Letterarja li saret fil-Librerija Pubblika, tar-Rabat, Għawdex. Il-Kittieba Għawdxin qraw xi siltiet mix-xogħlijiet tagħhom marbuta mar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. Is-serata ġiet imżewqa wkoll b'xi noti fuq il-kitarra mill-kantant popolari Spiro Sillato. Inqraw ukoll xogħlijiet ta' poeti li ħallewna minn Lorna Tabone u Antoinette Grech. Fi tmiem is-serata ġie ppreżentat il-ktejjeb dwar is-*Seba' Duluri tal-Madonna* fuq kitba tal-Kav. Joe M Attard.

## SEMINAR DWAR IT-TAQBILIET TA' ĠORĠ AGIUS "TAL-MULEJ"

Nhar it-2 ta' Mejju 2017, Ġorġ Agius "tal-Mużew", magħruf ukoll bħala "l-għannej tal-Mulej", ippreżenta t-taqbiliet tiegħu f'Sala Pietru Pawl Saydon (ALT) tal-Università ta' Malta, Tal-Qroqq. Kit Azzopardi, li speċjalizza fil-letteratura Maltija, għamel apprezzament kritiku tat-taqbila reliġjuża bħala parti mit-tradizzjoni orali. Din kienet l-għaxar attività mis-sensiela fuq It-Tradizzjoni Orali organizzata mid-Dipartiment tal-Malti tal-Università u kienet miftuħa għal kulħadd. Wara l-interventi ta' Ġorġ Agius u Kit Azzopardi kien hemm diskussjoni. Id-Dipartiment tal-Malti jirringrazzja lil Doris Zammit tar-riżorsi li pprovdiet għal dan is-seminar u lill-Klabb Kotba Maltin tal-għajnuna li qed jagħtu lill-proġett dwar It-Tradizzjoni Orali. Hemm aktar tagħrif dwar dan is-seminar u dwar il-proġett fuq Facebook u fuq is-sit tradizzjonioraliblog.wordpress.com.



**Ġorġ Agius "tal-Mulej"**

## TNEDIJA TA' TLIET RUMANZI TA' LINA BROCKDORFF

Nhar is-26 ta' Mejju 2017, id-dar tal-pubblikazzjoni Horizons nediet tliet rumanzi ġodda f'rabta ma' għeluq snin il-kittieba Lina Brockdorff. It-tliet rumanzi huma: *'Il Barra mill-Isqaq*, *Taħt is-Swar tal-Imdina* u *Dwett għal Żewġ Vjolini*. Waqt din il-lejla mużiko-letterarja nqraw siltiet mit-tliet rumanzi ġodda, ittellgħet preżentazzjoni dwar il-ħajja tal-kittieba, u l-Prof. Charles Briffa qara studju kritiku dwar il-kitba narrattiva ta' Brockdorff. L-intervalli kienu mżewqa b'kant u mużika strumentali. Lina Brockdorff għalqet 87 sena. Minn hawn nifirħulha u nixtiqulha iktar snin ta' sliem, saħħa u lehma.



**Lina Brockdorff**

## JITNIEDA L-*JOURNAL OF MALTESE STUDIES*

Nhar it-30 ta' Mejju d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta nieda d-29 ħarġa tal-*Journal of Maltese Studies.* Din il-ħarġa monografika hija ddedikata lil Giovan Francesco Buonamico, intellettwali Malti tas-seklu sbatax li hu assoċjat l-aktar mat-tieni l-eqdem poeżija bil-Malti li nstabet s'issa – "Mejju ġie bil-ward u ż-żahar". L-għan ewlieni ta' din il-pubblikazzjoni huwa li permezz ta' numru ta' studji miġbura fiha, insiru nafu aktar dwar l-attività vasta u mżewqa ta' dan l-iskular li kien ukoll tabib. L-istudji f'din il-ħarġa twettqu bis-saħħa tal-offerta ġeneruża tal-Imħallef Giovanni Bonello li għamel disponibbli, għad-diversi kontributuri, il-kollezzjoni privata tiegħu ta' manuskritti ta' Buonamico. Dawn il-manuskritti miġbura f'volum wieħed qatt qabel ma kienu ġew studjati. Għaldaqstant, din il-ħarġa tal-*Journal of Maltese Studies* qed tfakkar ukoll l-ewwel darba li studjużi minn oqsma differenti kellhom aċċess għal manuskritti rari dwar Buonamico li jikkumplimentaw materjal ieħor diġà aċċessibbli tal-istess awtur. Din il-ħarġa tal-*Journal of Maltese Studies,* editjata minn Giovanni Bonello, Arnold Cassola u Bernard Micallef, tikkonsisti f'għaxar studji akkademiċi minn oqsma differenti li, b'xi mod jew ieħor, kellu xi sehem fihom Buonamico, bħall-poeżija Barokka, il-filoloġija, l-ivvjaġġar fis-seklu sbatax u l-botanika. Mal-ħarġa qed titqassam ukoll, bil-permess ġentili tal-Imħallef Bonello, verżjoni diġitali tal-manuskritti nfushom ta' Buonamico. Għaldaqstant, dawk kollha li jixtru din il-ħarġa tal-*Journal of Maltese Studies* se jkollhom aċċess bla ħlas għal dawn il-manuskritti li, sa qabel din il-pubblikazzjoni, kienu ppriservati f'kollezzjoni privata biss. It-tnedija tal-*Journal of Maltese Studies* saret fil-Fakultà tal-Arti.

## IL-LETTERATURA MALTIJA BARRA MINN MALTA

Permezz tat-traduzzjonijiet, il-letteratura Maltija qed tinfirex f'pajjiżi barranin differenti. F'nofs Mejju 2017 it-traduzzjoni ta' Charles Briffa bl-Ingliż, *In the Cathedral's Shadow*, tad-dramm *Fid-Dell tal-Katidral* ta' Alfred Sant, ittellgħet fuq il-palk f'Montrouge (Pariġi) wara li kienet adattata għall-Franċiż minn Anne Berelowitch li dderiġietha u ġiet irrextata mill-grupp Instant Mix. Imbagħad l-istess xogħol, fl-24 ta' Mejju 2017, reġa' ttella' mill-istess grupp fuq il-palk fil-Comedrama International Festival f'Oujda (fil-Marokk). Minbarra dawn, fit-2 ta' Ġunju 2017, inqraw siltiet sħaħ mit-traduzzjoni ta' Charles Briffa *The Misfit*, tar-rumanz *L-Istramb* ta' Oliver Friggieri. Mal-qari kien hemm kummentarju minn Briffa stess. Dan il-qari sar bħala parti mill-European Literature Night fil-Bohemian National Hall, iċ-Czech Center (New York City), organizzat mill-EUNIC (New York).

**E-mail mingħand Mario Griscti, 7 ta' Marzu 2017**

Għażiż Patrick,

Ippermettili jekk jogħġbok niżżik ħajr ta' IL-PONT ħarġa numru 42, Marzu 2017, u nifraħlek għal-libsa ġdida li xiddejtlu. Prosit ferm tal-kontenut għoli li ħallejtlu għax tassew baqa' joffri waqtiet ta' qari mill-isbaħ u mill-aqwa. Niżżik ħajr ħabib.

B'Imħabba,

*Mario*

**E-mail mingħand Michael Zammit, 8 ta' Marzu 2017**

Il-PONT tassew eċċezzjonali! Mill-bidu sal-aħħar. Bħala editur ta' sensiela ta' kotba f'isem każin tal-banda, nifhem biżżejjed x'biċċa xogħol kbira hi din. Ħarġa qed tissupera oħra. X'ħasra hux li tant aħna mħabbtin li jkollna f'idejn teżor bħal dan, nagħtuh ħarsa ħafifa u nissoktaw fi triqtna. Naturalment aħjar kieku jkun stampat. Iżda hemm tidħol il-problema tas-soltu: il-boqxiex. Agħmlu kuraġġ! Il-Mulej jagħtikom l-għajnuna biex tibqgħu tterrqu 'l quddiem u fuq kollox biex il-bandiera ta' lsienna tibqa' tperper fuq l-ogħla quċċata.

Saħħiet. Ħajr.

**E-mail mingħand Roderick (Rigu) Bovingdon, it-8 ta' Marzu 2017**

Ma nafx x'nista' ngħidlek iżjed minn prosit Patrick. Dan l-organu komunikattiv letterarju tiegħek huwa ferm imżewwaq u bilanċjat. Inti bħali ħabib: sinċier! Għaliex tidher li tinkludi anki lill-avversarji tiegħek minkejja kollox. Sew tagħmel, inkella nistaġnaw.

Materjal prim u 'għaxqa' taqrah.

B'rispett,

*Rigu*

**E-mail mingħand Alessio Stretti (Ġenova, L-Italja), il-11 ta' Marzu 2017**

Ciao Patrick! come va? Ho letto con vero piacere le poesie di questo Numero de IL-PONT (degli articoli solo *Two* ho letto integralmente: quelli in maltese devo fare un po' di pratica).

Fra i testi poetici, quelli che più mi hanno colpito sono *Journey* di Elma Diel e *Invenzione delle Ombre* - scritto da Tatjana Debeljacki. Una poetessa bosniaca in italiano? Wow!

E' sempre un onore essere ospitato sulla tua rivista in Rete accanto a poeti di tutti i continenti: grazie mille Patrick, spero che un giorno di poterti conoscere di persona!

Pace e Salute

**E-mail mingħand Joe Axiaq (L-Awstralja), il-21 ta' Marzu, 2017**

Għażiż Patrick,

Grazzi ta' edizzjoni oħra ta' IL-PONT, mimlija qari letterarju ta' livell tajjeb u informattiv. Tassew tajtha dehra professjonali u li tolqot l-għajn. Żgur li tiħodlok ħafna xogħol imma ċert li tkun mistennija minn dawk li jħobbu l-letteratura Maltija.

Grazzi mill-ġdid.

*Joe*

**DR ADRIAN GRIMA INTERVISTAT RIGWARD ID-DIPLOMA FIL-LETTERATURA MALTIJA**

**Meta u minn fejn twieldet l-idea ta' kors bħal dan?**

Fl-attivitajiet akkademiċi u kulturali li nkunu involuti fihom fil-komunità niltaqgħu ma' ħafna nies li jgħidulna li jixtiequ li jkun hawn kors ta' filgħaxija li permezz tiegħu jistgħu jitgħallmu aktar dwar il-letteratura Maltija, l-istorja tagħha u l-iżviluppi li qegħdin iseħħu fiha. F'dan is-sens, l-idea tad-Diploma nibtet minn din id-domanda. Meta l-Prof. Manwel Mifsud kien kap tad-Dipartiment beda jħeġġeġ lilna li ngħallmu l-letteratura biex nibdew naħsbu għal kors ta' filgħaxija u meta laħaq warajh Dr Bernard Micallef, jien u hu bdejna nfasslu l-kontenut u pjan fit-tul biex eventwalment jinfetaħ il-kors. Il-ftuħ ta' kors ġdid huwa proċess twil li f'kull stadju jgħaddi minn għeriebel differenti biex l-Università taċċerta ruħha li l-livell ikun addattat għal Diploma u l-istudenti jingħataw l-aqwa edukazzjoni possibbli.

Ma ridniex li d-Diploma tkun sempliċiment verżjoni "mqassra" jew "ċkejkna" tal-baċellerat ta' matul il-ġurnata. Minbarra l-ħarsa aġġornata u kemm jista' jkun mhux prevedibbli lejn il-perjodi, il-ġeneri, l-awturi u t-testi ewlenin tal-letteratura Maltija, ridna li d-Diploma tesplora oqsma bħall-kitba kreattiva, ix-xogħol tal-editjar ta' test letterarju, il-kitba għat-tfal u l-adolexxenti, il-qari tal-letteratura fil-pubbliku u fuq il-mezzi tax-xandir, u l-lirika fil-kanzunetta. Ridna wkoll nintroduċu letturi li, għalkemm mhumiex tradizzjonalment assoċjati mat-tagħlim tal-letteratura Maltija, xorta għandhom għarfien u esperjenza li jiswew mitqlu deheb fl-oqsma tagħhom u jmissu mal-letteratura Maltija b'modi relevanti.

**Kemm idum il-kors u kemm ikun hemm lezzjonijiet matul il-ġimgħa?**

Id-diploma ddum sentejn u jkun hemm żewġ lezzjonijiet ta' tliet sigħat fil-ġimgħa, nhar ta' Tnejn u nhar t'Erbgħa, bejn il-5.30pm u t-8.30pm. Il-kors jiftaħ kull sentejn, u għalhekk issa jerġa' jiftaħ f'Ottubru tal-2018.

**Inġenerali liema huma l-oqsma li jiġu ttrattati matul kors bħal dan?**

Fl-ewwel sena, l-istudenti jitgħallmu dwar il-Poeżija Maltija mill-Bidu sal-Perjodu Romantiku; in-Narrattiva Maltija mill-Bidu sar-Rumanz tan-Nazzjon; Metodi ta' Kritika u Interpretazzjoni Letterarja; Drama Maltija: Kif Taqra Test Teatrali fuq il-Karta u fit-Teatru; il-Letteratura Maltija ta' wara l-Indipendenza; u r-Rwol tal-Qarrejja.

Fit-tieni sena l-istudenti jitgħallmu fuq il-Qari Pubbliku ta' Kitbiet Letterarji; l-Użu Kreattiv tat-Teknika Letterarja; Tipi ta' Realiżmu fin-Narrattiva Maltija; Letteratura bejn il-Kanoni u s-Sedizzjoni; il-Letteratura u Ġeneri Oħra: l-Intermidja u l-Interdixxiplinarjetà; il-Lirika fil-Kanzunetta; il-Letteratura tat-Tfal u tal-Adolexxenti; il-Letteratura Maltija Kożmopolitana; u l-Editjar ta' Manuskritt Letterarju.

Barra minn hekk, fl-ewwel sena, l-istudenti jagħżlu perjodu tal-Letteratura Maltija u jagħmlu proġett fuqu; u fit-tieni sena, jagħmlu proġett ieħor fuq l-interpretazzjoni ta' xogħol letterarju u l-preżentazzjoni kreattiva tiegħu.

**Min jista' jsegwih u x'jirrikjedi?**

Essenzjalment jista' japplika kulħadd. Idealment, l-istudenti jkunu studjaw il-Malti fil-livell Avvanzat, iżda dawk li ma jkunux studjawh u jkunu għalqu t-23 sena jistgħu japplikaw xorta u d-Dipartiment tal-Malti jagħmlilhom intervista.

**Min huma l-istudenti li fil-preżent qed isegwuh?**

Id-Diploma fil-Letteratura Maltija fetħet għall-ewwel darba f'Ottubru tal-2016 u għalhekk għandna l-ewwel grupp ta' studenti. Hemm taħlita interessanti ħafna ta' studenti b'ħiliet, esperjenzi u interessi differenti. Hemm gradwati tal-Malti (anki fil-livell ta' Masters), professjonisti bħal għalliema, infermiera u avukati, u studenti li qed jistudjaw l-Università għall-ewwel darba. Hemm ukoll min ġie mill-qasam tax-xjenza u xtaq l-ewwel esperjenza fl-arti tal-kelma. L-atmosfera fi ħdan dan il-grupp ta' studenti hija pożittiva ħafna u diġà qed naraw il-frott tax-xogħol tagħhom. L-ikbar sfida għalihom hija li jlaħħqu mal-impenji l-oħrajn tagħhom u l-qari ta' testi letterarji u akkademiċi li kors bħal dan jitlob. Iżda s-sodisfazzjon tagħhom huwa kbir għax għandu ħeġġa kbira biex jitgħallmu u biex jaqsmu dak li jafu mal-oħrajn.

**Kif qed jintlaqa' mill-parteċipanti? X'atmosfera qed ikun hemm fil-klassi? X'tip ta' relazzjoni hemm anki bejn studenti u letturi?**

Din hija l-ewwel darba li qed ngħallem f'kors ta' filgħaxija għal studenti adulti u issa nifhem aħjar l-entużjażmu ta' sħabi tal-lingwistika li jgħallmu fiċ-Ċertifikat tal-Qari tal-Provi. Fid-Diploma hemm studenti li magħhom tista' tiddiskuti fid-dettall il-materjal li tkun qed tgħallem. Għaldaqstant nagħmlu mezz li niddedikaw parti mill-ħin tal-*lecture* proprju għad-diskussjoni. Minn dak li jgħidulna, minkejja l-isfida li għandhom biex ilaħħqu ma' impenji oħra u mal-istudju, jidher li huma kuntenti ħafna b'dak li qed jirċievu matul il-kors.

**Min hu interessat li jsegwi kors bħal dan għandu disponibbli r-riżorsi neċessarji (kotba ta' poeżija, narrattiva, teatru, kritika letterarja) biex fl-aħħar mill-aħħar jirnexxi?**

It-tagħlim fid-Dipartiment tal-Malti, kemm fil-baċellerat kif ukoll fid-Diploma, jinqeda b'firxa wiesgħa ta' riżorsi, minn kotba fil-librerija u eluf ta' artikli akkademiċi li jinsabu fuq is-sit tal-Università, sa materjal elettroniku u filmati li ssibhom fuq Youtube. Fit-tieni sena tad-Diploma, imbagħad, hemm iktar enfasi fuq dak li joħolqu l-istudenti nfushom bil-ħiliet u r-riżorsi tagħhom u dawk li jingħataw fil-*lectures*.

**Kors bħal dan jappella għal min diġà huwa ggradwat fil-Malti?**

Diploma bħal din tappella wkoll għall-gradwati tal-Malti għax tħares lejn il-letteratura Maltija minn perspettivi differenti u fl-istess ħin tiffoka fuq oqsma u ħiliet li m'għandniex ħin indaħħluhom fil-baċellerat ta' matul il-ġurnata.

**Għaliex kors bħal dan u fejn għandu jwassal?**

Id-Diploma fil-Letteratura Maltija tħarreġ lill-istudenti f'dawk il-ħiliet partikulari meħtieġa għax-xandir u l-pubblikazzjoni ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti. Għalhekk, ittejjeb l-opportunitajiet għal min jixtieq jaħdem fil-qasam tax-xandir, tal-pubblikazzjoni, u ma' entitajiet oħra li jwasslu l-letteratura Maltija lill-pubbliku.

Id-Diploma għandha wkoll komponenti kreattivi li jħarrġu lill-istudenti fil-preżentazzjoni oriġinali u multidixxiplinarja (ngħidu aħna, bid-drama u l-mużika) ta' xogħlijiet letterarji diġà eżistenti. B'dan il-mod, il-kors jgħin lil dawk li huma interessati jaħdmu fil-kordinazzjoni u l-preżentazzjoni ta' avvenimenti letterarji b'mod professjonali.

Il-komponent tal-kitba kreattiva f'din id-Diploma jsaħħaħ il-ħiliet fl-arti tal-kelma, u b'hekk itejjeb il-prospetti ta' dawk interessati fil-kitba letterarja bħala professjoni artistika. Barra minn hekk, id-diploma toffri taħriġ estensiv fl-evalwazzjoni u fl-istħarriġ ta' xogħlijiet letterarji minn diversi perjodi tal-letteratura Maltija, u għalhekk ittejjeb l-opportunitajiet tax-xogħol għal dawk li jixtiequ jaħdmu fil-qasam tal-ġurnaliżmu kulturali.

Dawk li jiksbu din id-Diploma jistgħu jitolbu li tiġi kkunsidrata għal eżenzjoni minn taqsimiet-studju fil-programmi tal-istudju tal-B.A. fil-Malti, tal-B.A. (Unuri) fil-Malti, tal-B.Hums (Baċellerat fl-Istudji Umanistiċi), u l-PLAS (Programm fl-Arti Liberali u x-Xjenzi).






## L-UMANITÀ FIL-LETTERATURA TA' OLIVER FRIGGIERI

**Jikteb Charles Briffa**

Il-ktieb *Ħsiebu Jsuqu – Oliver Friggieri Jżomm l-Idea tal-Umanità* (Horizons Publications, Malta, 2017) jien ħriġtu dan ix-xahar sabiex nagħti ġieħ lil Oliver Friggieri li fis- 27 ta' Marzu 2017 jagħlaq sebgħin sena. Huwa ktieb li jagħtina mod wieħed kif nistgħu ninterpretaw lil dan l-awtur nazzjonali, mod wieħed kif nistgħu naħdmu biex ikollna koerenza relattiva ta' dan il-bniedem li jinsaq mill-ħsieb. Fl-istess ħin huwa ktieb li jikkumplimenta l-ktieb l-ieħor li kont ħriġt qabel fuqu, *The Essential Oliver Friggieri: National Author of Malta* (Malta University Publishing, 2012).

Fil-waqt li b'*The Essential* xtaqt nagħti ħjiel tal-qofol letterarju ta' Friggieri, bi *Ħsiebu Jsuqu* xtaqt nuri u nfisser ftit min hu Oliver Friggieri.
Friggieri ilu jikteb kreattivament u jsawwar studji ta' kritika mill-1960ijiet, u għandu għadd ġmielu ta' studji ppubblikati lokalment u f'perjodiċi akkademiċi internazzjonali u f'kotba. Stabbilixxa reputazzjoni ta' kritiku ewlieni u storjografu tal-letteratura Maltija. Bħala kritiku tana ħafna xogħlijiet li jiddiljaw mat-teorija letterarja, l-analiżi stilistika, u l-bijografiji letterarji. U bosta drabi f'dawn ix-xogħlijiet jiddiskuti l-letteratura soċjoloġikament, filosofikament, u storikament. Il-kritika deskrittiva tiegħu tifli l-letteratura fid-dawl tar-relazzjonijiet dinamiċi li jagħmlu l-proċess letterarju sabiex jiskopri u jiddiskuti l-potenzjalitajiet umani u l-veritajiet penetranti li jitqiesu bħala qawwiet soċjali li jaħdmu fuq il-mentalità ta' nazzjon. *Ħsiebu Jsuqu* jipprova juri dan kollu u aktar biex lil Friggieri jurih bħala bniedem intellettwali u kontemporanju.

Il-letteratura tiegħu hija sejħa persistenti sabiex l-umanità tirrispetta l-onestà. Fil-poeżiji jittratta l-għali tal-ħajja, ir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla, it-tifsira tal-mewt, ir-relevanza tal-istorja meta mqabbla mad-destin uman, l-individwu bħala membru ta' soċjetà li jrid l-importanza tiegħu, u temi nazzjonali li jagħtu identità lil Malta. It-temi tiegħu huma sikwit ittrattati filosofikament, u jżewġu s-soċjali mal-psikoloġiku. Filwaqt li l-istil tiegħu huwa kkaratterizzat minn razzjonalità loġika.

Fin-narrattiva, imbagħad, jadotta l-leħen tal-kuxjenza ta' nazzjon u jipprova jifdi l-valuri morali pożittivi. Il-letteratura tagħtih il-wisgħa għal diskussjoni intellettwali u r-rumanzi tiegħu jsiru aġenti tal-immaġinazzjoni morali. Jixħet ħalba kontroversjali fuq il-qarrejja tiegħu u jixxukkjahom biex jintebħu xi jkun qed jiġri fis-soċjetà madwarhom. Xogħlu qiegħed biex iqawwi lill-bniedem iħabbat wiċċu mar-realtà u jilqa' n-nuqqasijiet bil-kuraġġ li hemm bżonn u b'determinazzjoni qawwija.
*Ħsiebu Jsuqu* jmur 'l hemm minn lista tax-xogħlijiet ta' Friggieri għax jipprova jagħti ħjiel ta' kif Malta sawret lil Friggieri. B'hekk il-qarrejja jaslu jifhmu li x-xogħlijiet Friggierjani huma kkaratterizzati minn ħsibijiet serji, ħsus fondi, u għemil qalbieni. U b'dawn l-ingredjenti, ix-xogħlijiet tiegħu joqorbu biex jidentifikaw rwieħhom mal-ħajja nazzjonali.

Il-ktieb juri li x-xogħol letterarju kollu tiegħu, kemm bħala professur tal-letteratura u kemm bħala rumanzier u poeta, huwa mmotivat minn tliet prinċipji prinċipali: dak li jgħid li l-letteratura trid tinvolvi ruħha soċjalment sabiex toħloq għarfien xieraq; l-ieħor li jinsisti li l-letteratura trid tirrifletti l-

umanità fit-tfittxija tagħha għat-tifsir tal-ħajja; u dak li jħaqqaqha li l-letteratura trid tibda mill-interpretazzjoni tal-ambjent ta' pajjiżna u timxi lejn tifsir universali.

Il-ktieb ukoll jiskennja l-ideat li ftit huma magħrufin fuq Friggieri bħal, ngħidu aħna, li kien hemm prim ministru li ried jinnominah bħala president ta' Malta; u bħax-xewqa tiegħu li jsir qassis – xewqa li wettaqha fil-qassis pastorali-letterarju. Ma' dawn inżidu wkoll l-isforzi tat-tpinġijiet tiegħu bil-bajrow, għax Friggieri jħobb ħafna jpinġi bil-bajrow; dawn it-tpinġijiet huma espressjonijiet li jixhdu ħsieb meditattiv li wkoll ifittex xi verità umana.

Il-ktieb, għalhekk, jittratta lil Oliver Friggieri bħala bniedem b'siltiet mit-*timeline* tiegħu u bi kwotazzjonijiet tiegħu fuqu nnifsu. Imbagħad il-ktieb iħares lejh bħala kritiku letterarju, artist, poeta, traduttur, u rumanzier. U jurihulna fuq CD u fuq l-iskrin.

Meta nikteb fuq Friggieri nsib ruħi nitkellem fuq letteratura li tikklejmja l-universalità. Għalih il-preżent jikseb profondità kull meta wieħed jassimila l-passat: "Dan ħsiebi li jsuqni fis-snin tal-imgħoddi". Bħal meta l-għajnejn jibdew joqogħdu għad-dlam u jagħrfu s-suriet tal-oġġetti fil-kamra biex l-ambjent jibda jagħmel sens, in-narrattiva mistħajla u l-poeżiji spiss jorbtu l-preżent mal-passat – rabta li trid titfittex taħt il-qoxra tal-wiċċ.

## INNU LIL TRIBÙ B'ŻEWĠ BNADAR

Illum issabbtet f'wiċċi kull persjana
fit-triq tal-ward, f'għajnejk hemm bewsa ħamra,
fjur' ieħor li ma qtajtx, illum il-kelma
li smajt minn fomm min barax spalltu miegħi
erġajt, bħall-bieraħ, ma fhimthiex, u għada
qed jgħidu ma jisbaħx, għalxejn interraq
nistenna kull persjana terġa' tiftaħ
u naqbad f'fomm in-nies sillaba mgerfxa.
Forsi tfixkilt it-triq u din mhix belti,
u forsi nsejt indomm l-ilsien ta' żmieni.
F'għajnejk hemm xorta l-bewsa ħamra tixgħel,
fanal ta' dgħajsa fuq wiċċ baħar iswed
jitniegħes ma' dal-poplu. Meta bewstek
għad tfaqqa' ħesrem ragħda solitarja
f'das-sajf agonizzant li ma jridx jgħaddi,
il-ħalel nodfa joftqu l-ilma-qiegħed
u forsi l-kotra tqum tbexxaq it-twieqi
u terġa' tlissen lingwa li nifhimha
u taqa' minn għajnejk il-bewsa ħamra
fuq fommi niexef, għajn li m'għadhiex tqattar
fit-telqa ta' staġun imniġġes, forsi.

## ĦAJKU

Il-Maltin fl-aħħar
ħadu 'l Malta f'idejhom
u ssekwestrawha.

Meta dil-gżira
se tkun inqerdet, jifdal
il-kartolini.

**OLIVER FRIGGIERI**

## IR-RITRATT FUQ IS-SANTA

**Carmen Refalo**

Wara li għalaqt ħamsin kelli nibda nistudja r-Russu. Hekk kelli nagħmel wara li t-tifla telgħet San Pietruburgu bil-familja b'kollox wara li r-raġel tagħha sab xogħol hemm. Kont naf li jien u r-raġel kien se jkollna nżuruha; ma kienx se jkun faċli għaliha, tiġi tarana bi tlett itfal. U bdejt nistudja biex ta' lanqas inkun nista' nagħraf is-sinjali fl-ajruport u fit-toroq. Imma studjajt bis-serjetà u wara sena u nofs tgħallimt ħafna iżjed minn hekk.

Xi jumejn ilu, mort bħas-soltu l-Belt għal-lezzjoni tar-Russu; mort kmieni biex qabel nilħaq il-Quddiesa tad-disgħa. Wasalt kemm kemm tard u indunajt li kien hemm funeral. Fin-nofs kien mimli nies u kelli nsib post fil-ġenb, fl-aħħar bank. Quddiemi nzertaw bilqiegħda żewġ tfajliet b'xagħarhom twil, isfar dehbi; mal-ewwel stħajjilthom barranin. Mill-omelija sirt naf li l-funeral kien ta' mara jisimha Brigitta, li bħali kellha tifla waħda. L-ilbies u t-tiżjien rikk ta' qrabatha, bilqiegħda quddiem, ġegħluni naħseb li l-mejta kienet għexet tgħum fil-flus; wara kollox, il-ġid ukoll, huwa barka mingħand Alla.

Isimha laqatni… Brigitta, isem sabiħ… kont smajtu xi darba oħra; insejt fejn.

It-tfajliet ta' quddiemi ma qamux minn bilqiegħda u meta qgħadt għarkupptejja mnieħri beda kważi jħokk ma' xagħarhom. Ħin minnhom qabdu jpaċpċu bejniethom u bla ma bsartha bdejt nisma' storja bir-Russu ġejja minn quddiemi. Ma fhimtx kull kelma imma fhimt biżżejjed! Minn fomm iż-żewġ tfajliet sirt naf li r-raġel li kien bilqiegħda quddiem ma kienx ir-raġel tal-mejta; ir-raġel tagħha kien maħrub. Kif beda l-kant tal-kor, għollew leħinhom huma wkoll u smajthom isemmu l-post fejn kienu jaħdmu f'Malta, magħruf sew għad-divertiment. Ma basrux li kien hemm min qed jifhimhom u bdew isemmu u jfittxu nies Maltin magħrufa, u jsejħulhom ħbieb tal-mejta; deherli li bdew ifittxu, jaraw isibux imqar wieħed minnhom, bilqiegħda fil-knisja. Qanqluli l-kurżità u bqajt għarkupptejja nissemma' sakemm f'daqqa waħda kliemhom inbidel. Bdew isemmu l-kokaina, l-eroina, kliem ieħor li ma fhimtx, waqt li jżeffnu fin-nofs isem il-mejta… imma meta qabdu jsemmu l-pulizija u t-tixħim tal-flus… hemm twerwirt. Qomt bla ħoss u biddilt posti; ma ridtx nibqa' warajhom u ma ridthomx jarawni. Wara ftit ħarġu 'l barra; aktarx li ma kellhomx għalfejn joqogħdu aktar.

F'moħħi daħalli mitt ħsieb u ma stajtx ninġabar sakemm il-Qassis niżel ibierek it-tebut. Bla ma naf lill-mejta, kont diġà fassalt ħajjitha skont dak li kont għadni kemm smajt. Il-kant tal-kor ħasadni; dal-balzmu għall-ispirtu ħjieni u stajt inkompli mal-oħrajn.

Wara li ġiet tfajla, minn fost il-qraba, tatini s-Santa tagħha, ħriġt 'il barra u fuq iz-zuntier ħarist lejn ir-ritratt; inħsadt…. lil Brigitta, b'dak ix-xagħar sabiħ imdawwar ma' wiċċha, kont rajtha xi darba… xi mkien. Qbadt nimxi, mitlufa fi ħsibijieti u kif wasalt quddiem il-Qorti ftakart fejn.

Xi sitt xhur ilu, kif kont ġejja mingħand it-tifla, wasalt Malta xi l-għaxra ta' billejl u kif waqaft nistenna l-bagalja, resqu mara u raġel ħdejja. Bilkemm ma qalbunix hekk kif daħlu bil-goff quddiemi u l-mara daret lejja u skużat ruħha; dak il-ħin b'nofs tbissima stampatli wiċċha f'moħħi. It-tnejn dehru fuq ix-xwiek biex jiġbru tagħhom. Kif kienet quddiemi b'daharha lejja indunajt bix-xagħar sabiħ li kellha, bil-qatgħa u l-kulur b'kollox. Għal mument insejt il-bagalja; ridt nara sew kif kien biex nagħmlu bħal tagħha. Kif it-tnejn ħatfu bagalja kull wieħed minn fuq iċ-ċintorin u bdew mexjin bihom, dehru żewġ pulizija li b'ħeffa kbira marru fuqhom, għajtulhom b'isimhom, mexxewhom bil-ħeffa lil hinn minni u ma dehrux aktar. Dak il-ħin kont smajt isimha u kien laqatni! L-erbgħa min-nies ta' madwari indunaw ukoll; ħarisna lejn xulxin u erġajna tfajna għajnejna, mimlijin ngħas, fuq il-bagalji resqin lejna wara xulxin.

L-għada stennejt li kont ser nisma' xi ħaġa fuq il-mezzi tax-xandir, u filgħodu fittixt fuq il-gazzetti kollha; bqajt ma smajt u ma sibt xejn. Meta għidt lir-raġel tiegħi b'dak li kont rajt, qalli li setgħet kienet skorta, mitluba minnhom stess. U dak li kont rajt dakinhar indifen fil-memorja tiegħi sakemm reġa' rxoxta fil-funeral tagħha.

Sadattant komplejt fi triqti imma wara li ftakart dan kollu, l-għajdut tat-tfajliet fil-knisja, beda jieħu xejra oħra! Xtaqt insir naf iżjed fuqha… ma stajtx inħalliha tistrieħ fis-sliem. Kif lestejt mil-lezzjoni u wasalt lura d-dar dħalt mal-ewwel fuq l-Internet; kelli mitt sena nfittex xi ħaġa mqar fuq il-mewt tagħha. U fl-aħħar fuq gazzetta Maltija sibt obitwarju li faħħar lil

Brigitta għall-għajnuna tagħha f'xogħol volontarju f'għaqda barranija kontra l-abbuż fuq in-nisa; il-kontribuzzjonijiet mingħandha kienu swew biex l-għaqda setgħet twaqqaf ir-refuġji tagħha fi tlett ibliet Ewropew.

Imma x'kienet dil-mara… min kienet… kif qatt ma smajt biha… la fit-tajjeb u lanqas fil-ħażin...? Kienet korrotta… twajba…. ġeneruża... bil-flus maħmuġin? U l-obitwarju… kien ta' min jemmnu… jew kien gidba li jgħatti l-kriminalità?

U hemm dħalt f'qoxorti… indunajt li ma kont qed nafda f'xejn u f'ħadd. Qomt minn posti u nżilt fil-ġnien għar-riħa tal-ġiżimin. Imnifsejja ħadu r-ruħ imma l-ħsieb ħażin baqa' joqtol lit-tajjeb; ruħi kienet imtebbgħa!

Erġajt fittixt is-santa tagħha u qgħadt inħares lejn wiċċha. Stħajjiltha se troddli s-sliem. Imma r-ritratt fuq is-Santa wrieni biss il-qoxra ta' barra... ix-xbieha ta' Brigitta ma qaltli xejn iżjed; talbitni biss ngħid talba għar-ruħha.



## IL-FESTI MAGĦNA! INGAWDUHOM

**Kav Joe M Attard, Victoria Għawdex**

L-antiki tagħna kienu jgħidu: Ġunju ġunjett neħħi l-qmis u d-dublett! U dan ix-xahar li jġib miegħu l-istaġun tas-sajf jinsab wara l-kantuniera. Bla dubju Ġunju jġib ukoll miegħu l-festi sbieħ u kkuluriti tagħna. Fil-fatt, il-festi f'Għawdex jiftħu kif ikun riesaq tmiem ix-xahar ta' Mejju meta fir-raħal tal-Munxar issir it-tifkira tan-Nawfraġju tal-Appostlu tal-Ġnus, Missierna San Pawl li nissilna fil-fidi fis-Sena 60 WK. Issir festa ħelwa bl-ingredjenti kollha li jagħmlu festa Maltija u l-Munxarin kollha jqumu għall-okkażjoni u kulħadd jagħti sehmu. Dan ir-raħal li fih twieled il-Professur Ġużè Aquilina jista' jiftaħar bi statwa titulari l-ġmiel tagħha li ħarġet minn idejn l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Il-festi tagħna għadhom jiġbdu għadd sabiħ ta' nies minn kullimkien; il-mixegħla, il-mużika, il-funzjonijiet fil-knisja, iċ-ċigċifogu, in-nar tal-ajru, it-tlielaq tal-bhejjem, il-marċijiet tal-baned, it-tiżjin u l-festuni tad-dawl fit-toroq, tal-qubbajd u mitt ħaġa oħra kollha huma ta' attrazzjoni u joħolqu atmosfera unika għan-nies tagħna. Is-sħana tibda tinħass ġmielha u allura tal-pastizzi, tad-*drinks*, tal-granita u tal-ġelati hemm posthom ukoll.

Ġimgħa wara ġimgħa mill-ewwel jibdew jitgerbu, u wara tal-Munxar, tfeġġ il-festa tat-Tawmaturgu ta' Padova, għalkemm imwieled fil-Portugal, Sant'Antnin qrib il-bajja tal-Imġarr li dis-sena kellha tiġi trasferita għal Settembru minħabba l-l-Elezzjoni Generali. Ikun imiss imbagħad li mmorru sal-iżgħar raħal li għandna f'Għawdex, dik tal-Corpus Christi fl-Għasri, il-Ħadd 11 ta' Ġunju fejn illum il-ġurnata nsibu wkoll statwa sabiħa ta' Kristu Salvatur li toħroġ fuq l-ispallejn fil-purċissjoni bis-sehem tal-banda La Stella tal-Belt Victoria. U għal min hu dilettant tal-festi bħali, se nissokta nagħtikom il-kalendarju tal-festi fil-ġżira Għawdxija.

Wara l-festa tal-Għasri, ikun imiss il-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Gesù fil-Fontana, tefgħa ta' ġebla bogħod mir-Rabat, fejn issa nsibu Kappillan żagħżugħ u ħabrieki (issa m'għadux ġdid!) imwieled Ta' Sannat u li għadda żmien twil jagħti servizz pastorali fl-Istati Uniti tal-Amerika, Dun Gwann Muscat. (Prosit tal-inizjattiva li kien ħa li jitpinġa kwadru tal-ex Kappillan Mons Dun Ġorġ Bezzina, xogħol tassew mirqum tal-Kav Pawlu Camilleri

Cauchi). Minn hawn nawguralu u jalla dan ir-raħal, magħruf għal-logħob tan-nar, ma jbatix minn iktar disgrazzji pirotekniċi bħal dawk li ġraw fl-imgħoddi. Kienet ta' sorpriża għalija, xi snin ilu, nilmaħ hawnhekk lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Agostinjan Prospero Grech imexxi mumenti ta' Adorazzjoni fil-knisja għas-Saċerdoti u reliġjużi fil-festa liturġika tal-Qalb ta' Ġesù. Il-Ħadd 25 ta' Ġunju tkun tmiss il-festa fir-Rotunda tiegħu ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija fejn issa nsibu Arċipriet ġdid u ħabrieki, Dun Daniel Xerri, imwieled ix-Xagħra u li qabel għamel xi żmien bħala r-Rettur tas-Seminarju tagħna, li żgur jista' jiftaħar b'parroċċa tassew ħajja u bieżla. Is-sena l-oħra, l-istatwa titulari fl-injam li ħarġet mill-iskriepel u l-imrietel ta' mastru Pawl Azzopardi, għalqet 170 sena fostna. Ftit jiem biss wara, il-Ħams 29 ta' Ġunju, immorru n-Nadur għall-festa tal-Imnarja, festa li tlaqqagħna ma' żewġ kolonni kbar tal-Knisja, San Pietru u San Pawl, wieħed spiċċa msallab rasu 'l isfel u ta' warajh għadda minn qtugħ ir-ras, li qabżet għal tliet darbiet hekk kif messet mal-art u nibtu tliet għejjun ta' ilma frisk u ġieri ftit 'il barra mill-ħitan ta' Ruma.

Fl-ewwel Ħadd ta' Lulju, sewwa sew fit-2 ta' Lulju, fil-Punent ta' gżiritna, nagħmlu l-festa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb fejn insibu l-Banda tar-raħal 'Il-Viżitazzjoni' li għandha b'surmast tagħha lil Jason Camilleri. Ma għidtx le meta ż-żgħażagħ t'hawn darba minnhom kienu talbuni niktbilhom il-versi għal marċ tal-briju. Hawn ukoll niltaqgħu ma' Arċipriet ġdid, li daħal sewwa fil-qalba tal-ministeru tiegħu u ntlaqa' ferm tajjeb mill-parruċċani li jiftaħru bi statwa tassew ħelwa tal-Madonna qed iżżur lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta. U wara l-Għarb, immorru sa Ta' Kerċem għall-festa tal-Madonna Tas-Sikors.

Intant il-festi jibqgħu għaddejjin u fit-tielet Ħadd tal-Lulju, sewwa sew fis-16 ta' Lulju, il-Belt Victoria tinħakem mill-briju u l-ferħ li ġġib magħha l-festa tal-Megalomartri San Ġorġ fejn il-Qriema jaqsmu l-Fliegu u jingħaqdu mal-Ġorġjani Għawdxin u erħilhom jagħmlu għors sħiħ. Sentejn ilu kienu saru festi speċjali billi l-istatwa titulari magħmula minn zokk ta' siġra u li ħarġet mill-iskriepel u l-mazza ta' mastru Pawl Azzopardi għalqet 175 sena. Minn ġewwa Venezja saħansitra nġab fostna d-Driegħ ta' San Ġorġ. Bħal San Ġorġ, Santa Margerita hija qaddisa tat-tielet seklu u din titfakkar bi kbir fir-raħal Ta' Sannat, ġimgħa fuq San Ġorġ. Kien f'dil-festa, kienet tirrakkonta ommi, Alla jaħfrilha, li kienet iltaqgħet ma' missieri għall-ewwel darba. Tgħid kemm ilu issa! U wara Ta' Sannat, li issa għandu Arċipriet relattivament ġdid, iż-żagħżugħ Michel Curmi mix-Xagħra, fl-aħħar Ħadd ta' Lulju mmorru fir-raħal ta' San Lawrenz għall-festa ta' dan il-Levita u martri. Il-Lawrenzjani jippreparaw bi sħiħ għall-festa u magħha jabbinaw kull sena l-Festival Lawrenzjan u mhux l-ewwel darba li nkun mistieden mis-Sindku biex nippreżenta xi serata minnhom. Hawnhekk is-sindku Noel Formosa u l-Kappillan żagħżugħ Fr Charles Sultana narahom jaħdmu id f'id flimkien is-sena kollha għall-ġid ta' dan ir-raħal ċkejken u ħiemed mhux bogħod mill-bajja pittoreska tad-Dwejra. Il-Ħadd ta' wara, sewwa sew fis-6 ta' Awwissu mmorru l-Qala għall-festa tal-Patrijarka San Ġużepp, li jien imsemmi għalih, fejn insibu wkoll ftit 'il bogħod mill-knisja parrokkjali, Santwarju ddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni. Nifirħu lill-Arċipriet Dun Nazju Borġ mix-Xagħra li sallum żgur li sab saqajh fost il-Qalin, filwaqt li nsellmu lill-Arċipriet ta' qablu l-Kan. Dun Joe Zammit li tant ħadem fost il-Qalin kemm dam fosthom.

Waħda mill-ikbar festi tas-sajf hija bla dubju l-Assunta meqjuma fi-Katidral tagħna 'l ġewwa mis-swar taċ-Ċittadella, u l-Belt Victoria tfur bin-nies u bl-attività fosthom it-tlielaq tradizzjonali tal-bhejjem u l-Wirja Agrarja ta' Santa Marija. Festa tassew kbira f'nofs Awwissu tant li f'Malta jkunu qed isiru seba' Santa Marijiet oħra. Mhux hekk jixirqilha s-Sultana tal-Ġnus u Omm il-Feddej! L-Assunta terġa' titfakkar f'Għawdex fl-20 t'Awwissu fir-raħal fuqani taż-Żebbuġ fejn iż-żiffa tilqa' l-istatwa ħelwa tal-Madonna waqt li l-Banda tar-raħal 'Santa Marija' ddoqq l-innijiet Marjani u takkumpanja l-Purċissjoni. Taf li nkunu qegħdin bil-mod il-mod resqin lejn tmiem l-istaġun tal-festi f'Għawdex bil-festa tal-Madonna ta' Loreto li ssir f'Għajnsielem fit-27 ta' Settembru! Hawnhekk tisma' ħierġa l-għajta 'Viva x-Xemx' waqt li l-banda tar-raħal taħt id-direzzjoni ta' Mro Frankie Debono ssellem lil Marija hija u ħierġa mill-knisja Gotika tagħha b'sett ta' qniepen ġodda li joħolqu l-isbaħ armonija.

U l-aħħar festa kbira teħodna x-Xagħra u l-Arċipriet Dun Karm Refalo ma joqgħodx lura milli jagħtina festa kbira, għażiża u devota ddedikata lit-Twelid tal-Bambina. Din hija festa li trid tfakkarna wkoll fir-rebħa tal-Maltin fuq il-qawwa tal-Mislem u fuq il-biża' tal-Alleati. F'tempju mirqum kollu rħam u sengħa nsibu l-istatwa simpatika tal-Bambina li

toħroġ tbierek lix-Xagħrin u lilna magħhom il-Ġimgħa 8 ta' Settembru u n-nies tiffolla u ma toqgħodx lura qabel ma titfaċċa xi taqliba tal-arja! Ma rridx inħalli barra l-festin li jsir lill-Madonna tal-Karmnu ġewwa x-Xlendi l-Ħadd 3 ta' Settembru waqt li nsellem mill-qalb lil ex Rettur t'hawnhekk Mons. Giov Bosco Cremona li ta servizz twil u assidwu lil din il-knisja u li issa l-Isqof Djoċesan assenjalu l-kura tal-knisja ċkejkna ta' Santa Martha fil-Victoria. Postu issa ħadu l-ħabib tiegħi Monsinjur Dun Karm Gauci għal żmien twil Arċipriet tal-Għarb u issa l-Kap tal-iskola primarja tal-Konservatorju tal-Isqof li minn hawn insellimlu. L-aħħar festa ħelwa u modesta hija dik tal-Madonna tal-Grazzja għand il-Patrijiet Kapuċċini u l-ħbieb tiegħi Ġorġ Debono, Joe Abela u Vincent Vella flimkien ma' sħabhom ma jħallu l-ebda ġebla f'postha biex juruna li din il-festa ċkejkna tagħlaq l-istaġun tal-festi f'Għawdex.



## ĦAJKU

Tkun politiku,
titħaddet poeżija
bla ma taf tħossha.

Fid-dinja tagħna
Jekk ma tkunx attur tajjeb
qatt ma tgħix sewwa.

**AMANDA BUSUTTIL**

## IO NON VOGLIO

No, io non voglio più
commettere errori
perché non ci siamo ancora capiti.
Non voglio essere spinto dalla voglia
di ritrovarmi ancora al tuo cospetto
con mani vuote
perché c'è dentro di me
un vuoto imcomprensibile
una vogila di ritornare indietro.
Non voglio essere trascinato
da questa voglia di fare qualche cosa
prorprio perché ormai
non so più che cosa fare.

**ALFRED GRECH**

## IL-ĦAJJA ROTA

Il-ħajja bħal rota
iddur
bil-passat mhux bħal mhu
l-futur.

Ġieli tidħaklek jew
tbikkik
taf hi teħilsek jew
Tixlik.

Different' għalija,
għalik
tibki bija, tifraħ
hi bik.

**KEVIN TANTI**



Victor Vella B.A., M.A. (Sydney Univ.) li jgħix l-Awstralja hu awtur ta' diversi kotba u wkoll ta' diversi c.d's, fosthom insibu l-aħħar pubblikazzjonijiet: GĦAD-DELL TAL-BALLUTA (ktieb ta' esejs fuq diversi Suggetti) u KONFERENZA STAMPA (ħarsa satirika lejn in-nies fil-poter f'Malta) li tikkonsisti fi 11-il monologu adattati għal fuq il-palk u pprezentati f'żewġ c.d's.

## APPREZZAMENT U KRITIKA:

Jekk titgħallem tikkritika titgħallem tapprezza u jekk titgħallem tapprezza titgħallem tikkritika. Issib ħafna li ma jaqblux ma' din l-ispeċi ta 'ħaġa moħġaġa' għax għal ħafna, speċjalment għalina l-Maltin, il-kritika neħduha bħala xi stint naturali. Imdorrijin nikkritikaw u forsi wkoll li nsibu jew almenu nippruvaw insibu ix-xagħra fl-għaġina. Imma ma tantx nagħtu kas kif issib din ix-xagħra: jew x'aktarx naslu biex nikkritikaw iċ-ċ bla tikka jew l-h mingħajr rasha maqtugħa. Ġeneralment il-kritika sew ta' xi kitba, jew xi film jew xi opra jew xi song , eċċ., hi din: Le ma togħġobnix. U wara jaqa' s-silenzju... silenzju vojt, silenzju li jfisser ħafna, li jfisser speċjalment li iva ma għoġbokx il-ktieb, eċċ., imma m'intix kapaci tgħid jew tesprimi għaliex dik il-kitba u l-bqija ma għoġbitekx. Jew min-naħa l-oħra... għaliex għoġbitek.

Ir-risposti għal din il-mistoqsija - Għaliex għoġbitek jew għaliex m'għoġbitekx? - fiha l-qofol li titkellem fuq l-apprezzament ta' xi ħaġa. Dan l-apprezzament hu l-qofol tal-kultura u fuq kollox tal-kitba u tal-letteratura ta' pajjiż.

Biex il-kritika tkun ħaqqha l-isem ta' 'kritika' vera trid tkun oġġettiva. F'kelma waħda trid tkun diretta lejn dak li hu miktub mingħajr ma tagħti kas ta' min kitibha, x'kulur politiku hu jew hi min kitibha, u wkoll li dak li jikkritika hu wkoll 'indipendenti' meta jiġi biex jikkritika. Barra minn hekk il-kritiku jrid ikun 'tal-affari tiegħu', jiġifieri jekk qiegħed jikteb/ jitkellem fuq rumanz, tajjeb li jkollu idea tal-istorja tar-rumanz, tal-lingwa u tal-istil jew l-istili inġenerali li jagħmlu rumanz interessanti u ta' min jaqrah.

F'ħarġa tar-rivista ta' 'Il-Malti', pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-2011, hemm eżempju tajjeb kif ma għandhiex issir kritika ta' rumanz. Ir-rumanz li fuqu qiegħed nitkellem hu *Fil-Parlament ma jikbrux fjuri* ta' Oliver Friggieri. Dawk li ltaqgħu biex jgħaddu ġudizzju fuqu nqasmu fi tnejn ibbażati fuq iż-żewġ partiti politici Maltin, li dak iż-żmien kienu bħal kelb u qattus, kontra xulxin. Ir-rumanz li fuqu qiegħed nitkellem sar bħal ballun ixxuttjat minn sieq għall-oħra, imma l-ballun innifsu ma nfetaħx... jew ma nqasamx biex naraw eżatt x'kien. Il-kritika imxiet fuq linji politiċi u ħadd ma semma per eż. jekk, ngħidu aħna, jaħdimx bħala rumanz, bħala xi ħaġa fittizja iva, imma li tinħass jew tidher vera, bil-persunaġġi u bl-inċidenti li fih jew kinux persunaġġi realistiċi jew tal-kartapesta bħal pasturi tal-presepju... bla ħajja, bla persunalità, bla identità. Dan kollu jidher kif jaġixxu u iżjed u iżjed kif jitkellmu. X'kienet it-tema jew is-suġġett tar-rumanz u jekk hux qrib jew ikkopjat mill-verità li ma jibqax jew li ma hux interessanti bħala rumanz. Il-messaġġ ta' naħa, jew ta' grupp ta' kritiċi kien: li qiegħed iffaħħar il-politika tagħna, u tan-naħa l-oħra, li qiegħed jikkundanna l-politika tagħna.

Miskin hu min ipprova jfittex xi *guideline* fuq xiex jiddeċiedi jaqrah jew le! Jew x'fih li l-qarrrej seta' jew jista' japprezza. Għalhekk għadhom joħorġu kotba ta' kritika /apprezzament ta' Shakespeare biex insemmi eżempju... għax fil-kitba tiegħu tant hemm wieħed x'jesplora li l-kritika/apprezzament u l-esplorazzjoni għadhom sejrin.

Din hi parti mill-edukazzjoni, kemm dik sekondarja u iżjed u iżjed dik universitarja. Jekk l-edukazzjoni ma twassalx għal kritika kostruttiva, kritika ta' ideat, ta' storja, ta' stili, ta' filosofiji, ta' modi u kulturi, allura l-edukazzjoni tiġi propaganda. Jekk il-bniedem ma jasalx biex jikkritika bis-sens allura ma tistax tinħoloq kultura u identità u inqas u inqas kitba li tista'

tissejjaħ letteratura. Għax hi l-kritika li sservi bħala għarbiel li ssaffi r-ramel mill-ġebel jew tissepara l-qamħa mit-tibna. Kont se nżid u joħroġ is-sabieħ mhux biss tal-kitba imma ta' dak kollu li jissejjaħ kultura minn binja ta' dar sa biċċa pittura.

Aħna bħala poplu nibżgħu mill-kritika, avolja nieħdu pjaċir nikkritikaw. Dan jiġri u ġara għax il-kritika trid tkun kostruttiva u mhux distruttiva, jiġifieri kritika li tgħin u li tagħmel sens, kritika fil-fond, li hija nieqsa fil-kultura tagħna. Tajjeb li ngħid li wara kollox mhux biss aħna bħala Maltin. Meta Stalin li kien il-mexxej/dittatur tal-Imperu Sovjetiku fl-1956 mar jara l-opra *Macbeth* ta' Shostakovich ikkundannaha bħala opra burġuaġiża (skużawni!)… jiġifieri tal-klassi medja. Nesa l-mużika u daħħal il-politika! Il-*Macbeth* saret kapulavur ta' Shostakovich!

Nispera li hawn minn ma jaqbilx u li juri li ma jaqbilx. Għalhekk imbagħad tisma' minn jgħid: 'hawn kollox jgħaddi.' Għax ċerta gwida hi importanti għal dak li jkun speċjalment għal dawk li jħobbu l-letteratura u li tista' wkoll iddakkar lil dawk li avolja ta' ftit skola jibdew jaraw is-sbuħija tal-kitba. Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna s-sentenza li 'jekk qatt ma tfaħħarx jew almenu tapprezza m'għandekx dritt tikkritika'.

Ma jfissirx li nistenna li se jqum xi moviment biex iwettaq jew jistudja li qiegħed ngħid. Il-kritika għandha mill-bajtar: trid tieħu ż-żmien biex issir. L-aqwa li tinbet u tiżviluppa… biż-żmien… u bit-tagħlim.



## ĦLOMT

Ħlomt li ninsab imdawwar
bl-isbaħ fjuri
b'widien iserrpu kull naħa tal-għolja
miksija bi ħdura ta'
kampanja verġni li tnessik
li tgħix f'dinja mxaqqa
fejn il-ftit ħlejjaq umli
li rajt kollha kienu
ħbieb sinċieri,
bnedmin li ma jafux
iqarrqu u jingannaw.
Taħt il-ferħ u l-hena
li tkaħħlu mal-pulmuni sqewni
paċi,
serħan u sliem
li l-istint ġegħelni nitlobhom
nibqa' magħhom.
Imma qabel ma xufftejn ir-rajjes tħarrku
maħsud qomt mil-leħen li sejjaħli.
U kif għajnejja bexxaqt
mir-radju tkomplew l-aħbarijiet
ta' mwiet,
massakri,
ġlied u dmija,
torturi u inġustizzji soċjali
f'dinja mtaqqba u migrufa
maqtugħa għaliha weħedha
mill-ħolma immaġinarja
ta' moħħ b'labirint
imxappap fil-ħbiberija
u mitmugħ sustanzi
u kaloriji ta' għaqda u sliem.

**JIMMY BUHAGIAR**
**(minn *Ħsusi u Mħabbti*, Pubblikazzjoni The Farsons Foundation, 2017)**

## JIENA...

jien tifla ċkejkna - jien tifel ċkejken
jien qatt ma kont - u qatt ma sirt
qatt ma mort skola - qatt ma twelidt
qatt ma rajt xejn - u qatt ma kilt
qatt ma smajt xejn - jien qatt ma ħsibt
qatt ma xammejt - u qatt ma doqt
qatt ma tbissimt - qatt ma tkellimt
jien qatt ma mxejt - jien qatt ma ġrejt
qatt ma tbissimt - u qatt ma bkejt
jiena dawl mitfi - jien ma jien xejn
jien kont sa nkun - u ma kont qatt
kont ħsieb sa jkun - u ma sirt ħadd
jien nar bla dawl - ġol-univers
jien jigsaw puzzle - ġo dixx ileqq
jien tifla ċkejkna - jien tifel ċkejken
ma jafni ħadd - ma jridni ħadd
ħadd ma jibkini - u ħadd ma jridni
lili warrbuni - ma jħobbni ħadd

... u jien xi ħadd ...

**PAUL P. BORG**

## BĦAL TIFEL BL-AWTIŻMU

Bħal tifel bl-awtiżmu
werżaqt f'wiċċ l-egoiżmu
ta' soċjetà tiddieħak bija
tippriedka l-altruwiżmu.
Bil-ġustizzja l-imqass tagħha
tqasqas fil-fili ta' għajnejna,
taqtagħlna r-retina barra
ħa tgerrimhielna skont qiesha.
Bħal tifel bl-awtiżmu
nsakkar il-firrolli ta' biebi
ħa ninfired mill-massa mikrobata
mingħaliha trid issib il-valuri fix-xalata
li jintlibsu u jimbeżqu ħelu ħelu mal-buttuni,
ġlekkijiet u xenxilli bi snienhom issikkati
fil-filmati u fir-ritratti sfurzati.
Bl-innoċenza tiegħi nwaddbilha
l-imqass ġo żaqq il-baħar
biex kif jitla' bis-sadid
nara kif inrabbi stonku tal-ħadid.
Bħal tifel bl-awtiżmu rrid naqta' l-kuntatt
ħalli nħassar il-kuntratt.

**AMANDA BUSUTTIL**

## IĊ-ĊITTADELLA

Ġawhra sbejħa f'Għawdex tagħna
hi bla dubju l-Kastell
mibni fl-għoli, fuq blat qawwi
rari ssiblu rokna dell!

Għaliex fuqu l-jum kollu
tisreġ hawnhekk xemx bla ħniena
minn fejn bosta drabi tpassi
il-gamiema u s-summiena!

Hawnhekk sabu l-kenn tagħhom
fl-imgħoddi w is-snin bikrija
tfal, żgħażagħ, irġiel u nisa
Dawk mgħobbija bix-xjuħija.

Minn hawn fuq int tgawdi dehra
ta' dil-gżira ħelwa Għawdxija;
knejjes, djar, raba', u baħar,
għall-kwiet f'lejla mustaxija!

U fi ħdanha ċ-Ċittadella
tiġbor fiha l-Katidral,
bosta bini qadim ieħor
li jżuruh il-kbar u t-tfal!

L-ewwel ħjiel ta' ħajja Għawdxija
twieldet żgur ġo dal-kastell
li llum reġa' ħa l-ħajja
bl-iskriepel u il-martell.

Ċittadella, Ċittadella
kemm aħna imkabbrin bik
sejrin nagħmlu kull ma nistgħu
biex nibżgħu ħafna għalik.

Għaliex inti ġojjell sbejjaħ
f'nofs il-blu Mediterran
u min jiċħad dal-fatt uniku
qiegħed jgħix f'ċappa duħħan!

**KAV. JOE M ATTARD**

## IT-TIEQA TAD-DWEJRA

Int kont u m'għadikx iżjed, Tieqa sbejħa
tad-Dwejra illi ż-Żmien ma ħamilx wieqfa.
Darba r-rwiefen wellduk
issa r-rwiefen qerduk.

M'għadux il-gawwi jaqsam minn ġo ġufek
u l-ħut iħares lejk bħala Sultana.
Ħafna nisa pittruk
bi lwien illi jsaħħruk.

Issa ma tfisser xejn għalina d-Dwejra
la l-ġawhra tilfet id-dawl tagħha għammiexi.
Se nibqgħu noħolmuk
u nibqgħu nitħassruk.

**KARMENU MALLIA**
**8.3.'17**
**(Wara li billejl riefnu qawwi waqqa' t-Tieqa tad-Dwejra, Għawdex)**

## ĦSIEB GĦAL-LUTTU NAZZJONALI

**(8 ta' Marzu 2017 nhar it-telfa tat-Tieqa tad-Dwejra)**

Ma kelliex bżonn naqbad ajruplan biex niġi nżurek,
sempliċiment vapur fuq mewġ lubien li jipnotizzak.
L-iponiżi li int dejjem se tkun hemm - spalla. Spalla
ta' serħan mir-rassa tal-massa.
Il-weġgħa tal-mara li tkorri u jgħidulha tibżax jerġa'
jkollok. Il-moribond li wara mewtu jkunu xtaqu li
tennewlu l-kelma grazzi imqar b'kura paljattiva.
Grazzi ta' kemm ġibt ġid lejn darna.
Imma le, ħallewh imur bħalma ġie.
Trab kien u trab-terrapien jerġa' jsir.
Kienet ilha biex tfaqqa'
stalaktita nifdet ruħi
l-aħbar żarżret saret żrar
msarni konkos
ħolmiti rmied
bħat-tifkiriet
li qatt ma kelli, se jkolli,
xtaqt li żortha.
Il-familjari u l-ħbieb jixtiequ li minflok jintbagħtu fjuri
jew donazzjonijiet tingħata attenzjoni lill-
kumplament tal-wirt storiku.

**GABRIEL LIA**

## BLA IDENTITÀ

Qasqast farfett mimli lwien
farfett farfett qasqast bla tmiem.
B'dari u madwari ħannieqa ta' lwien
ħassejtni farfett kemm naqbad u ntir.

Qasqast suldat bl-azzarin
suldat suldat qasqast –
reġiment li ma jafx tmiem.
F'marċ wieħed imxierka stħajjiltna
għall-gwerra bla ħniena sejrin.

Qasqast uċuħ il-bnedmin
uċuħ uċuħ qasqast bla tmiem:
uċuħ kbar u żgħar, koroh u sbieħ...
Wiċċi biss kien jonqos inqasqas
imma għalkemm fittixtu ma sibtu mkien.

**MARIO ATTARD**

## I DREAM

I search for deeper meaning
beyond this world of sound
where I can spend existence
without going around.

I search for health eternal
away from every flaw
alone at peace to wonder
and no attraction draw.

I search for peace from heaven
derived, to stay within
where no human can trample
without a space for sin.

I search for silence glorious
far from the world of men
to be alone and lonely
and dwell serene again.

I search for simple meaning
and insights rich and rare
which help me grasp to follow
the path to pastures fair.

I search for waters running

fresh, clean and full of life
that would embrace my being
beyond this earthly strife.

I search for understanding
that I may live and see
amidst the pain and struggles
the soul there is in me.

**DUN GEOFFREY G. ATTARD**

## DEMM BLA ĦTIJA

Kienu erba' tajriet il-ġmiel tagħhom,
Jitlajjaw ’l hawn u ’l hinn fis-smewwiet,
Fill’ jduru fil-baxx qajla qajla,
u kultant jistaħbew fis-sħabiet.

Bla jitħabtu, bla jħarrku ġwenħajhom,
kienu jiżfnu ma' fewġet ir-riħ,
x'kien iżommhom imdendla f'dak l-għoli,
kien sigriet li ma stajtx nidħol fih.
Bdejt nitħasseb u bejni u bejn ruħi,
għidt li dan kien rigal tal-ħolqien
biex il-bniedem jithenna bi ġmielu,
sewwa sew kif kont qed nagħmel jien.

Ħoss li jtarrax, li jaħsad, li jheżżeż,
fjamma nar minn żewġ kanen azzar,
balla ċomb maħżuż fuqha il-qerda,
gerrxu l-hena, is-sliem kollu tar.

Tnejn mit-tajr waqqfu ħesrem titjirthom,
u spiċċaw mejtin fl-art rix u demm,
f'ħakka t'għajn it-tnejn l-oħra wkoll għebu,
biex jeħilsu min-nassa tal-hemm.

Issummajt, wara d-dehxa tal-ħasda,
għidt, x'jiswew dawn l-għotjiet tal-ħolqien,
jekk fil-bniedem ta' qalbu marida,
m'hemmx imħabba... tal-ġmiel m'hemmx għarfien.

**CHARLES MIFSUD**



## MAY 1st LABOR DAY 2017

Worker's Day
and also the Day
of the unemployed
who lost their jobs
and try to survive
the lack of money.

Life is an intense
labyrinth: plowing
or clicking
on the keyboard
our instinct creates
magical solutions
to do the work as fast
as possible, always
repeating the cliche:
"C'est la vie!"

**TERESINKA PEREIRA**
***L-Istati Uniti***

## HAIKU

Soldiers of the dust
run along on the gravel.
An anthill was built.

Paws that squeeze the snow
A thunder lives in the wild
Tiger of the North.

Always in the shade
A cougar will be watching
The future of men.

The sad blackbird sings
A requiem for the spring
The buds can't listen...

The dark eagles land
On the dreadful battleground
Shadows rise to fight.

**DRAGOŞ BARBU**
***Ir-Rumanija***

## SILKWORM

When cocoon is woven
I hide myself within
quietly
without any motion

But don't think
I am hopeless
or I get caught in my own trap
Silence does not mean doing nothing

To hibernate, recuperate, and to rebuild itself
to digest, speculate, and to brew
the body strengthened
ready for anything

Waiting for spring
with its advent
I break the cocoon to spread my wings
into a pure and beautiful poem

**HSU CHICHENG**
***Iċ-Ċina***

## OCEANO

Momento bianco tempo-dipendenza.
Calmi tamburi. Calmi tamburi. Gocce.
Rotea nella tana forma carne.
Forma fiamma si è leggermente aperta.
Boschi frementi. Lenti lampi macchie.
Città di luci. Luci tamburi. Macchie città.
Rosso calmo avanzare su membrane.
Rosso fremente. Linfa gocce. Calmi sogni.
Calmi sogni. Calmi sogni. Lenti tamburi.
Lampi membrane. Ti ho portato dell'uva.
Lente città. Onde frementi tamburi.
Calmo bianco oceano carne gocce.
Tamburi gocce frementi. Calmo oceano.
Rotea onde fiamma ti ho portato dell'uva.

**ROBERTO MALINI**
**(minn *Il giardino dei poeti quantici*,**
**Lavinia Dickinson Ediitore, 2014)**
***L-Italja***

## SPRING GENTLE RAIN

Through the thin shadow
the small cloud
a sudden peaceful, humble
spring gentle rain
irrigates the soil.

From music and
frantic dance
the most
small forgotten
grass awakening
are delivered, thirstily.

In this hugging the
full of smells.
Sun lowers
smiling again winner
the calcined stones
the rain thousands of kisses
he had left.

**EFTICHIA KAPARDELI**
***Il-Greċja***

## LA CASA POGGIATA SUL LAGO

Antinoo, quanta leggerezza nel cielo
che ti siede accanto.
Porta con sé una cometa
che lascerà il suo nome nell'acqua.
Avvicinati come resti vestito
perché il giorno ti rende luminoso
e passeggia nel giardino
dove le margherite trascorrono la vita
prima di capire chi possa averle amate
senza mai esistere,
quanto del tuo sguardo ritornerà
ad aggrapparsi ai suoi occhi
e sentire di aver perduto la stagione
bussare una splendida volta soltanto
contro la bellezza del tempo
con le naviganti vele stracciate
aprendo la finestra della casa poggiata sul lago
dove qualcuno ti ha lasciato sognare.

**ANTONIO VANNI**
**(minn *Plasmodio*, Edizioni Eva, 2017)**
***L-Italja***

## DO I CARE?

Do I care,
why mundane days are so long,
I breathe the smoky air,
and my business is always wrong?
Do I care,
that I see the unsmiling eyes,
that I live in a dusty lair,
which is usually cold like ice?
Do I care,
how terrible is the smog in town?
Why do I care?
All my life is now upside-down!

**ADOLF SHVEDCHIKOV**
***Ir-Russja***

## DESTINY: TO ALL POETS

Stop looking for absurdities and boundaries
Don't look for street signs or detours
to reach the farm of berries
Only prickly thorns are left there
The air is now crisp, devoid of perfumes

A wreath of holly beckons at the door
Bough from the same shrub
Find me in it and let me find you
Answer my call to gather around and renew
vows to ward off alienation,- offer no excuses

Bring an olive branch if this is sought,
Feathery quill and leaves, a piece of bark
and knife, a chisel and tablet of stone,
Echoes and dreams, - eternal verses,
And oh yes, some laurel leaves

There is no price tag for friendship
It is affordable replenishing itself
Transcending race and culture barriers
Crossing self-made demarcation lines
It is a gift and always given free.

**ELMA D. PHOTIKARM**
***L-Istati Uniti***




## 'IL BARRA MILL-ISQAQ

**Lina Brockdorff, Horizons 2017**

L-isem ta' Lina Brockdorff illum jintrabat sewwa mal-kitba tan-novella u tar-rumanz. U dan sa mill-1974, meta ħareġ l-ewwel rumanz tagħha, *Kien Kwinta l-Qamar*. Dan hu rumanz ġdid ta' ftit iktar minn 300 paġna u li jinqasam f'39 kapitlu. Bħal dejjem, Brockdorff tippreżentalna storja nadifa u mexxejja li l-għan tagħha huwa li tagħti gost u sserraħ lil dak li jkun. Nenu kellu tnax-il sena, il-kbir tal-familja fqira mimlija tfal. Dara jgħix fil-faqar. Li kien ikiddu wisq kien il-fatt li hu twieled u jgħix fi sqaq fir-raħal ta' Ħal Qormi fil-ħamsinijiet tas-seklu li għadda. Kellu moħħu tajjeb, irnexxielu jkun l-ewwel tifel tal-isqaq i jgħaddi għal-Liċeo. Għalih kienet rebħa li qatt ma stennieha. Waqt li kull filgħodu jkun jistenna l-kowċ biex twasslu l-iskola laħaq tefa' għajnejh fuq Lara, tfajla li tkun faċċata tiegħu tistenna l-kowċ lejn skola privata. Minkejja li missierha Ingliż "kważi nobbli", Nenu jinduna li Lara ma kinitx taqla' għajnejha minn fuqu. Laħaq kellimha darbtejn, imma l-ġardinar mar jikxef kollox ma' omm Lara li għamlet minn kollox biex fi ftit jiem siefru lejn darhom l-Ingilterra biex qatt ma jerġgħu lura. Tgħid dan kellu jkun it-tmiem tal-imħabba bejn Nenu u Lara?




## BALLATI

**Karmenu Mallia, 2017**

F'dan il-ktieb ta' 125 paġna nistgħu naqraw 10 ballati miktubin mill-pinna ta' kittieb u poeta tas-sena. Huma kitbiet li jintrabtu sewwa mal-Istorja: Mallia jgħanni l-Gran Mastri Pinto u Hompesch, il-patrijott Għawdxi Dun Saver Cassar, il-ġrajja ta' San Ġorġ, l-isbuħija ta' Ħal Qormi fejn twieled u dik ta' Ħaż-Żabbar fejn jgħix. Fl-aħħar ballata jistħajlu li diġà telaq u qed iħares lura lejn ħajtu b'għajnejn filosofiċi. Insomma, Karmenu Mallia qatt ma jieqaf jissorprendina bil-kitba varjata tiegħu.




## MINN FOMM IL-KITTIEB-IT-TIENI VOLUM

**Patrick Sammut, Horizons, 2017**

Il-qarrej jiltaqa' wiċċ imb wiċċ ma' aktar minn kittieb u poeta Malti, parti kbira minnhom għadhom jiktbu fil-preżent. Kif bdew jiktbu? Fejn għexu fl-imgħoddi, x'jiftakru minn dan, x'ħalla l-ikbar marka fuqhom, u fejn jgħixu llum? Min huma l-kittieba li qed jiktbu lil hinn minn xtutna? Liema huma l-ħwejjeġ li jispirawhom biex jiktbu? X'jagħmlu bħala xogħol u kif jgħaddu l-ħin ħieles tagħhom? X'jaħsbu dwar kwistjonijiet kontemporanji partikolari? F'dan it-tieni volum Patrick Sammut jintervista li dawn il-kittieba: Ġino Lombardi, Charles Magro, Carmel Mallia, John Mallia, Alfred Massa, Pierre J. Mejlak, George Mercieca, Charles Mifsud, Immanuel Mifsud, Maurice Mifsud Bonnici, Achille Mizzi, Mark Montebello, Walid Nabhan, Therese Pace, Alfred Palma, Vincenzo Maria Pellegrini, Ġorġ Peresso, Yana Psaila, George Said-Zammit, Joe Saliba, Marlene Saliba, Paul Saliba, Rita Saliba, Anton Sammut, Frans Sammut, Mark A. Sammut, Salv Sammut, Victor Sammut, Alfred Sant, Vanni Sant, Carmel Scicluna, Andrew Sciberras, Anselm Sciberras, Joseph C. Sciberras, Joseph Sciberras, Lillian Sciberras, Omar Seguna, Charles B. Spiteri, Hilary Spiteri, Lino Spiteri, Edmund Teuma, Joseph P. Vella, Kenneth Vella, Mark Vella, Kelinu Vella Haber, Paul Zahra, Trevor Żahra, Frank Zammit, Marcel Zammit Marmarà, Joe Zammit Tabona, Tarċisju Zarb, u Nazzarenu Zerafa.




## ĦSUSI U MĦABBTI

**Jimmy Buhagiar, The Farsons Foundation, 2017**

Din hija ġabra ta' poeżiji li ħarġet postuma ladarba l-awtur ħalla din id-dinja ta' 55 sena fit-12 ta' Marzu, 2016. Tinqasam f'sitt taqsimiet ewlenin u tiġbor fiha mal-115-il poeżija li nkitbu tul il-ħajja tal-poeta. Dan hu ktieb ta' 145 paġna li jwasslilna poeżiji ħajjin b'sentimenti bħal tama, taqtigħ il-qalb, fidi reliġjuża u mħabba, kif ukoll oħrajn li jittrattaw lil pajjiżna u raħal twelid l-awtur, il-Mellieħa. Il-Kelmtejn Qabel huma miktubin mill-kittieb, poeta u traduttur, Alfred Palma.

# ĦARĠU DAN L-AĦĦAR




€20

## ĦSIEBU JSUQU

### Charles Briffa

Oliver Friggieri, hu u jestendi l-elementi ewlenin tal-kontemporanjetà, jifhem il-kreattività bħala laqgħa produttiva bejn il-letteratura u ż-żmien. Fil-firxa letterarja ta' pajjiżna Friggieri huwa kontinwazzjoni ta' Dun Karm, u għaldaqstant fuq il-platform letterarju Friggieri għandu jitqies bħala awtur nazzjonali. Huwa interpretu u għassies tal-valuri u l-kultura tal-Gżejjer Maltin. U Ħsiebu Jsuqu: Oliver Friggieri Jżomm l-Idea tal-Umanità jagħti ħjiel ta' kemm hu minnu dan li qed jingħad. Dan il-ktieb jipprova jittrasformalna l-mod kif nifhmu lil Oliver Friggieri u l-kontemporanjetà tagħna.

## WHO LOOKS AT THE SUN ANYMORE?

### Kenneth Wain

These collected poems cover a period of around sixteen years of the poet's life when Wain was a dedicated poet. His early poetic encounters were with Auden, Pound, and TS Eliot among others, and his musical encounters with the Beatles, beat and protest music. Wain's visual arts encounters in modern art idioms sensitised him to the visual aspect of life which he then transferred to the poem.




€30

HORIZONS

Agendabookshop
*Il-ktieb jinstab għall-bejgħ għand l-Agenda u ħwienet tal-kotba*

JEKK TIXTIEQ TIRĊIEVI L-KTIEB ID-DAR BIL-POSTA

**Ibgħat din il-formola lil** Horizons, Triq l-Iskultur, Ħal Qormi QRM 3580

Nixtieq nixtri kopja/kopji tal-ktieb

☐ Ħsiebu jsuqu • Charles Briffa ☐ Who looks at the sun anymore • Kenneth Wain

Qed nibgħat ċekk ta' € ........................................ pagabbli lil Horizons.

Isem u Kunjom ........................................

Indirizz ........................................

........................................

Kodiċi Postali ........................................ Telefon ........................................

**T:** 2144 1604 | **E:** INFO@HORIZONS.COM.MT | **WWW.HORIZONS.COM.MT** | HORIZONS MALTA